MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' April, 2022

Appell Inferjuri Numru 430/2009 LM

**Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Monaco Millions Limited, u l-istess Monaco Millions Limited**
*('l-appellati')*

***vs.***

**Bay Street Holdings Limited** *('l-appellanta')*
**u b'digriet tas-27 ta' Novembru, 2013 ġiet kjamata in kawża Euro Hygene Limited**

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimaata **Bay Street Holdings Limited**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-15 ta' Mejju, 2019, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], li permezz tagħha l-Ewwel Qorti

ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet u l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà intimata, laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimatata u konsegwentement, laqgħet limitatament it-talba attriċi [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'], fis-sens li kkundannat lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited is-somma ta' tliet elef, tliet mija u tletin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€3,330.58), bl-imgħax mid-data tan-notifika lis-soċjetà intimata tar-rikors li wassal għall-proċeduri odjerni, u illiberat lis-soċjetà kjamata in kawża mit-talbiet attriċi, sal kull dritt li jista' jkun spettanti lis-soċjetà kjamata in kawża *si et quatenus*.

## **Fatti**

2. Din il-kawża ġiet istitwita mis-soċjetà assikuratriċi Atlas Insurance PCC Limited sabiex tiġi mħallsa lura il-flus imħallsa minnha lis-soċjetà assikurata, għad-danni sofferti mis-soċjetà assikurata fi proprjetà tagħha kawża ta' perkolazzjoni ta' ilma għaliex tħalla vit miftuħ f'proprjetà mis-soċjetà intimata.

## **Mertu**

3. Permezz tal-proċeduri istitwiti quddiem l-Ewwel Qorti, is-soċjetajiet rikorrenti talbu li s-soċjetà intimata tiġi ikkundannata tħallashom is-somma komplessiva ta' tliet elef, seba' mija u sitta u disgħin Euro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€3,796.46), li minnhom l-ammont ta' erba' mija u ħamsa u sittin Euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€465.88) huma dovuti lis-soċjetà rikorrenti

Monaco Millions Limited bħala *excess,* rappreżentanti danni sofferti mis-soċjetajiet rikorrenti b'riżultat ta' ilma illi ipperkola fi proprjetà tas-soċjeta rikorrenti Monaco Millions Limited f'żewġ okkażjonijiet separati u ċioé bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2007 u bejn it-22 u t-23 ta' Marzu 2008, għal liema danni għamlet tajjeb is-soċjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited *ai termini* tal-polza tal-assikurazzjoni.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex hija m'għandha l-ebda relazzjoni mas-soċjetà Monaco Millions Limited. Is-soċjetà intimata qalet li l-kumpannija Monaco Millions Limited m'għandha xejn x'taqsam magħha, u li din il-kumpannija m'għandha l-ebda proprjetà fil-kumpless ġestit mis-soċjetà intimata. Is-soċjetà intimata kompliet teċċepixxi li għalhekk hija ma kkawżat l-ebda ħsara fil-proprjetà ta' Monaco Millions Limited, u f'każ li Monaco Millions Limited tibqa' tinsisti li hija sofriet xi ħsara, tali ħsara ma kinitx ikkaġunata minnha. Is-soċjetà intimata qalet ukoll li t-talba għall-ħlas tal-imgħax kif impostata mis-soċjetà rikorrenti, ukoll hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan għaliex id-dejn mitlub huwa forma ta' dejn ċivili, u għalhekk l-imgħax jibda jiddekorri mit-talba ġudizzjarja għall-ħlas u mhux qabel.

5. Ix-xhud **Joanne Busuttil**, in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti, xehdet li s-soċjetà assikurata Monaco Millions Limited kienet koperta b'polza tal-assikurazzjoni tat-tip *all risk.* Spjegat li din il-kumpannija kienet tokkupa fond ġewwa Bay Street, fil-Bajja ta' San Ġorġ, u kienet għamlet żewġ *claims,* waħda fid-19 ta' Novembru, 2007, wara li din allegatament sofriet ħsara minħabba

perkolazzjoni ta' ilma li kien ġej mill-kumpless Bay Street, u oħra fit-22 ta' Marzu, 2008, u din it-talba wkoll kienet rigward allegata ħsara sofferta minħabba perkolazzjoni ta' ilma. Ix-xhud qalet li meta ntbagħat *surveyor* fuq il-post, ġie kkonstatat li fuq il-fond okkupat mis-soċjetà Monaco Millions Limited hemm parkeġġ, b'kamra li tintuża mill-*cleaners* tas-soċjetà intimata, fejn kien tħalla vit bl-ilma nieżel. Ix-xhud qalet li konsegwenza ta' dan l-aġir, l-fond ġestit mis-soċjetà Monaco Millions Limited kien għereq.

6. **Jason Vassallo** xehed li huwa jaħdem bħala *loss adjustor* u *surveyor.* Qal li huwa kien tqabbad mis-soċjetà rikorrenti sabiex jispezzjona l-fond in kwistjoni. Ix-xhud speċifika li huwa żar il-fond darbtejn, rigward *claims* differenti li saru. Ix-xhud qal li meta huwa mar fuq il-post, kien ra li kien hemm ilma nieżel fil-fond okkupat mis-soċjetà Monaco Millions Limited, u l-ilma li kien pperkola kien ikkawża bosta ħsarat. Qal li huwa kien ikkonstata li l-fond sovrastanti dak okkupat minn Monaco Millions Limited kien jikkonsisti fil-*car park* ta' Bay Street, fejn hemm kamra li tintuża mill-*cleaners.* Qal li f'din il-kamra kien hemm *locker* u vit tal-ilma, u l-ewwel darba li mar huwa kien sab ħafna ilma fl-art. Qal li meta mar it-tieni darba fuq il-post kien reġa' ra prattikament l-istess ħaġa, u huwa kien ġie infurmat li l-ilma kien nieżel minn vit li tħalla miftuħ sabiex timtela magna bl-ilma.

7. Quddiem l-Ewwel Qorti ġiet ppreżentata kopja tar-rapport tas-*surveyor,* b'ritratti li juru l-ħsara li saret fil-post, u ġie kkonfermat li s-soċjetà assikuratriċi kienet ħallset id-danni sofferti konsegwenza tal-akkadut.

8. Ix-xhud **Ivan Camilleri** spjega li huwa direttur tas-soċjetà Monaco Millions Limited, u qal li din kienet topera bħala *gaming company* minn Level 2, fl-istabbiliment Bay Street, fil-Bajja ta' San Ġorġ. Qal li s-soċjetà rikorrenti kellha polza tal-assikurazzjoni li tkopri dan il-fond, u fl-aħħar snin kienet għamlet żewġ *claims*. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà assikuratriċi ħallset l-ammonti mitlubin minnha.

9. Ix-xhud **Johann Briffa** xehed li huwa jaħdem bħala *Manager Fire & Safety* fl-istabbiliment Bay Street, u qal li bejn l-2007 u l-2008 huwa kien imexxi t-*team* tas-sigurtà fl-istess kumpless. Qal li parti minn xogħlu kienet tinvolvi li jinvestiga każijiet li jseħħu fil-kumpless. Qal li meta investiga l-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri, huwa kien sab li l-ilma kien ġej mill-kamra tal-*cleaners,* wara li tħalla vit miftuħ fl-istess kamra. Ix-xhud qal li kienu l-*cleaners* impjegati mal-kuntrattur biss li kellhom aċċess għal din il-kamra.

10. Permezz ta' rikors ippreżentat fit-28 ta' Ġunju, 2013, is-soċjetà intimata kienet spjegat li fiż-żmien l-inċident, l-ambjent in kwistjoni ma kienx fil-pussess tagħha, u għalhekk hija kompletament estranea għall-fatti tal-każ. Qalet li dak iż-żmien il-fond minn fejn oriġina l-ilma kien fil-pussess tas-soċjetà Euro Hygene Limited, u dan skont kuntratt tal-20 ta' Ġunju, 2007, u għalhekk kienet is-soċjetà Euro Hygene Limited li hija responsabbli għall-akkadut, u għalhekk talbet il-kjamata fil-kawża tas-soċjetà Euro Hygene Limited. Din it-talba tas-soċjetà intimata ġiet milqugħha mill-Ewwel Qorti permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Novembru, 2013.

## Is-Sentenza Appellata

11. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-15 ta' Mejju, 2019, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà intimata; ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata; laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimata, u għaddiet biex laqgħet limitatament it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, fis-sens li kkundannat lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti is-somma ta' tliet elef, tliet mija u tletin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€3,330.58), bl-imgħax mid-data tan-notifika lis-soċjetà intimata tar-rikors li wassal għal dawn il-proċeduri, filwaqt li lliberat lill-kjamata fil-kawża mit-talbiet rikorrenti, salv għal kull dritt li jista' jkollha s-soċjetà intimata kontra l-kjamata fil-kawża, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Il-Fatti***

*Il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma s-segwenti:*

*1. Is-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Monaco Millions Limited, qed titlob danni naxxenti minn ħsarat allegatament sofferti minn Monaco Millions Ltd fil-fond okkupat minnha b'riżultat ta' skular ta' ilma minn ġo ambjent li jifforma parti mill-kumpless Bay Street Tourist Complex (fit-tielet sular) u li jiġi fuq l-istess fond okkupat minn Monaco Millions Limited (fit-tieni sular).*

*2. Dan id-dannu ġie allegatament ikkaġunat għaliex fl-imsemmija kamra fit-tielet sular, li kienet użata mill-*cleaners *tas-soċjetà intimata, tħalla vit tal-ilma miftuħ. Konsegwenza ta' dan, l-ilma niżel minn din il-kamra fit-tielet sular għas-saqaf fil-proprjetà ta' Monaco Millions Limited fit-tieni sular.*

*3. Il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mis-soċjetà assiguratriċi Atlas Insurance PCC Ltd lil Monaco Millions Limited qiegħda in atti (fn. 3 fol. 88). Saru żewġ claims fir-rigward ta' dawn l-inċidenti fejn kien hemm l-imsemmi perkolazzjoni tal-ilma fil-fond tas-soċjetà assigurata Monaco Millions Limited, u ċioe waħda fit-22 ta' Novembru, 2007 (fn. 4 fol. 42) u l-oħra fit-22 ta' Marzu, 2008 (fn. 5 fol. 55). Is-soċjetà rikorrenti*

*ħallset dawn iż-żewġ claims lis-soċjetà Monaco Millions Limited (fn. 6 fol. 23 u fol. 26) skont it-termini tal-polza tal-assikurazzjoni.*

*4. Qabel seħħew dawn l-inċidenti, u ċioe fl-20 ta' Ġunju, 2007, is-soċjetà intimata Bay Street Holding Limited daħlet f'service agreement mas-soċjetà Euro Hygene Limited (fn. 7 fol. 132) għal servizzi ta' tindif.*

*5. Is-soċjetà intimata Bay Street Holdings Limited tirreferi għal dan il-ftehim u tgħid li tali ambjent minn fejn tħalla l-vit miftuħ u kien hemm il-perkolazzjoni tal-ilma ma kienx fil-pussess tagħha, iżda kien fil-pussess tas-soċjetà Euro Hygene Limited.*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

*Ladarba fil-mori ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetà rikorrenti Monaco Millions Limited irtirat it-talba tagħha fis-somma ta' €465.88, il-vertenza li tibqa' hija dwar it-talba tas-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited fis-somma ta' €3,330.58.*

*Is-soċjetà kjamata in kawża Euro Hygene Limited la ppreżentat risposta u lanqas ressqet provi. Madanakollu dan ma għandux ifisser li s-soċjetà kjamata in kawża qed tammetti dak allegat mis-soċjetà intimata għaliex huwa prinċipju assodat li l-kontumaċja mhix ammissjoni iżda kontestazzjoni.*

<u>*L-Eċċezzjoni Ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti* rationae valoris</u>

*Din il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra preliminarjament din l-eċċezzjoni, u ċioe jekk din il-Qorti għandhiex il-kompetenza* rationae valoris *rikjesta sabiex tiddetermina t-talba rikorrenti, stante illi jekk jirriżulta li din l-eċċezzjoni hija mistħoqqa, allura ma jkunx hemm lok illi jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet fil-mertu.*

*L-artikolu 748 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata, il-valur tal-oġġett fil-kawża hu deteminat mit-talba. L-atturi ddikjaraw fl-avviż illi l-ammont minnhom mitlub kien ta' €3,796.46. Iżda kif diġà ingħad, is-soċjetà rikorrenti Monaco Millions Limited irtirat it-talba tagħha fis-somma ta' €465.88, u għalhekk wara li ġiet irtirata dik it-talba, l-ammont pretiż niżel għal €3,330.58. Permezz ta' din l-eċċezzjoni, is-soċjetà intimata ssottomettiet li dan l-ammont hekk ridott jaqa' fil-parametri tal-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar.*

*Fiż-żmien meta ġie intavolat l-avviż odjern, l-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, kien jipprovdi b'dan il-mod: "*Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux iżjed minn tliet elef u erba' mija u disgħin Euro u sitt ċenteżmi (€3,490.06)."

*L-artikolu 56A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippreskrivi illi "*Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi, il-qrati inferjuri ma għandhomx jieħdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar imwaqqaf taħt l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar."

*Huwa prinċipju assodat fil-każistika tagħna li l-kompetenza tal-Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet mogħtija, mit-termini tal-azzjoni rikorrenti. Huwa l-att promutur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi tagħhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha teżerċita l-ġudizzju tagħha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza tagħha. Ma' dan però irid jiġi kkunsidrat fl-ambitu tal-artikolu 753(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili li jiddisponi li, "*meta t-talba hija magħmula biex issostni jew tattakka obbligazzjoni, il-valur jiġi determinat mis-somma kollha tal-obbligazzjoni." *(fn. 8 ara f'dan is-sens is-sentenzi* ***Pauline Mizzi et vs Concetta Key*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 t'April, 2001, u* ***Woodline Ltd vs Forsite Design & Project Management Ltd*** *deċiża fis-27 ta' Marzu, 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Per Imħallef Raymond Pace).*

*Illi f'dan il-każ ma hemm l-ebda dubju li meta ġie intavolat l-att promutur, it-talba rikorrenti kienet f'ammont li jeċċedi l-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, u li jinkwadra ruħhu fil-kompetenza ta' din il-Qorti. Għalkemm fil-mori tal-kawża l-ammont pretiż ġie ridott, din il-Qorti xorta waħda baqgħet kompetenti li tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna.*

*Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*<u>L-Ewwel Eċċezzjoni – Nuqqas ta' Relazzjoni Ġuridika mas-soċjetà Monaco Millions Limited</u>*

*Is-soċjetà intimata teċċepixxi illi hija ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà Monaco Millions Limited, għaliex din is-soċjetà ma għandhiex u ma għandux ikollha proprjetà ġewwa l-kumpless ġestit minnha.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* **Burmarrad Commercials Limited vs Desmond Mizzi et,** *deċiża fit-28 ta' Frar, 2007 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 9 per Imħallef Philip Sciberras), ingħad illi:*

"B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralità t'atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni t'effetti ġuridiċi fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar."

*In-natura ta' din il-kawża għas-soċjetà rikorrenti hi waħda ta'* culpa aquiliana. *Huwa prinċipju stabbilit li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bil-ħtija tiegħu (artikolu*

*1031 tal-Kodiċi Ċivili) u illi jitqies fil-ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja (artikolu 1032). Imbagħad, skont l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat li jagħmel tajjeb għall-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

*Fis-sentenza* ***Middlesea Insurance plc vs Joseph Zaffarese,*** *deċiża fid-29 ta' Mejju, 2009, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 10 per Imħallef Philip Sciberras), irriteniet hekk:*

"Hi dispożizzjoni espressa tal-liġi taħt il-Kodiċi Ċivili illi jitqies fi ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja [artikolu 1032(1)]. Hu spjegat mill-awturi illi "*negligenza, infatti, altro non è se non assenza di diligenza, imprudenza è intesa come assenza di cautele; imperizia, come assenza di competenza professionale o come assenza di avvertenze". **Ara Alpa "La responsabilità civile"**, Trattato di diritto civile, Milano 1999 p. 261 u **Franzoni "Le obbligazioni di fatto illecito"**, Ed. Utet, 2004, p. 42.* Markatament, sew jekk si tratta minn rapport kontrattwali (ara artikolu 1132 Kodiċi Ċivili) kif ukoll dak extra-kontrattwali [artikolu 1032(1) predett] id-dover tad-diliġenza huwa marbut mal-kriterju tal-missier tajjeb tal-familja u dan jissinifika illi hi imputabbli ukoll l-imġiba ommissiva f'min jonqos li jadotta miżuri ta' kawtela u ta' prudenza għall-fini li jkun evitat event dannuż lill-ħwejjeġ ħaddieħor. Kif jinsab ritenut, "*quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione e sio viola il diritto altrui, sena volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto. (**Pubblio Azzopardi vs Antonio Arcicovich et**, Appell Ċivili, 14 ta' Novembru, 1919)."*

*Mill-provi prodotti jirriżulta illi s-soċjetà Monaco Millions Limited kienet qiegħda topera n-negozju tagħha ta'* gaming company *mill-fond fejn daħal l-ilma, u li l-oġġetti li ġarrbu l-ħsarat b'konsegwenza ta' din il-perkolazzjoni jappartjenu lis-soċjetà Monaco Millions Limited (fn. 11 ara x-xhieda ta' Ivan Camilleri a fol. 80 tal-proċess).*

*Irriżulta wkoll illi Monaco Millions Limited kienet assikurata mas-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited b'polza tal-assikurazzjoni tat-tip '*all risk'. *Wara l-inċident is-soċjetà Monaco Millions Limited ressqet* claim *mas-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited li da parti tagħha inkarigat lil Jason Vassallo,* loss adjustor *u* surveyor, *li aċċeda fuq il-post u iċċertifika l-ħsarat kemm fl-okkażjoni tal-perkolazzjoni li seħħet f'Novembru 2007 u kif ukoll f'Marzu 2008. (fn. 12 ara r-rapporti immarkati JV 1 u JV2 a fol. 42 u fol. 55 rispettivament). Jirriżulta wkoll li s-soċjetà assikuratriċi*

*ħallset l-ammont pretiż lis-soċjetà assikurata li sussegwentement issurrogat lis-soċjetà assikuratriċi fid-drittijiet tagħha.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta plc et*** *deċiża fid-9 ta' Frar, 2005, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 13 per Imħallef Philip Sciberras) irriteniet illi: "...* (H)uwa prinċipju kwalifikat fil-liġi illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu." (artikolu 1031, Kodiċi Ċivili). Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabbilità extra kuntrattwali u tenunċja r-regola li l-awtur tal-leżjoni għandu jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabbilità għandha bħala fonti tagħha l-imġiba imputabbli, li tista' tkun doluża jew kolpuża. Imġiba din li għandha jkollha neċessarjament ness ta' kawżalita mal-event dannuż;"

*Għalhekk ir-relazzjoni ġuridika ma titnissilx minn xi ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, iżda mill-fatt li t-talba rikorrenti hija mibnija fuq il-premessa ta' danni aquiliani kkaġunati minn perkolazzjoni tal-ilma mill-fond sovrastanti ġestit mis-soċjetà intimata u li kkawżat danni lill-assikurata tagħha Monaco Millions Limited.*

*Għaldaqstant, anke din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*<u>It-Tielet Eċċezzjoni – Nuqqas ta' ħtija għad-danni kaġunati</u>*

*Fil-mertu, is-soċjetà intimata eċċepiet li hija ma kkawżat ebda ħsara fil-proprjetà tas-soċjetà Monaco Millions Limited u li għalhekk ma għandha ebda ħtija għall-ħsara mertu tal-kawża. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***GasanMamo Insurance Limited vs Doreen Vella et*** *deċiża fit-23 t'April, 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 14 per Imħallef Philip Sciberras) ingħad illi "...* f'każijiet tax-xorta hawn ikkontemplati ta' perkolazjoni ta' ilma minn fond wieħed għall-ieħor, in-natura oġġettiva tar-responsabbilità hi skontata u ben evidenti. Din ir-responsabbilità hi fondata fuq il-fatt illi l-fond li minnu pperkola l-ilma kien taħt il-kustodja tal-appellanti-sidien tiegħu, u huwa dan l-istess fatt li għandu jassumi l-aktar riljev fil-fattispeċi. Dan qed jiġi sottolineat għaliex, dejjem fl-opinjoni tal-Qorti, ġialdarba teżisti dik il-kustodja fis-sid dawn huwa minnu nnifsu kriterju ta' responsabbilità, in kwantu jimponi fuq min għandu d-disponibbilità tal-fond, sija materjali, sija ġuridika, ir-responsabbilità għas-seħħ ta' ċerti eventi determinanti. Dan ukoll indipendentement mir-riċerka tan-ness kawżali bejn xi kondotta negattiva tiegħu u l-event tad-dannu li jkun ivverifika ruħhu."

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Farrugia vs Peter Galea et*** *mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 15 per Imħallef Sciberras) fis-7 ta' Frar, 2007, ġie ritenut illi:* "Kull ma kellu jipprova l-attur kien il-fatt tal-ingress tal-ilma fil-fond tiegħu provenjenti mill-appartament sovrastanti, proprjetà tal-appellanti. Hi din il-prova

tan-ness materjali tal-kawżalità bejn l-ingress tal-ilma u d-dannu verifikat li kienet tinkombi fuq l-attur. Dan għaliex fil-każ preżenti ninsabu fil-preżenza tar-responsabbilità oġġettiva, hekk krejata mis-sitwazzjoni taż-żewġ fondi, għal liema jgħoddu wkoll il-prinċipji tar-*res ipsa loquitur."*

*Jirriżulta ampjament mill-provi, u dan lanqas huwa kkontestat mis-soċjetà intimata li l-fond tas-soċjetà assigurata huwa sottostanti car park tas-soċjetà intimata, u f'dan il-car park hemm kamra li tintuża mill-*cleaners, *li f'żewġ okkażjonijiet separati, ħallew vit tal-ilma miftuħ u b'hekk ikkaġunaw il-ħruġ ta' kwantità konsiderevoli ta' ilma għal ġewwa l-fond sottostanti tas-soċjetà assigurata, u kkaġunawlha danni.*

*Però, is-soċjetà intimata qiegħda tikkontesta li hija responsabbli għal dawn id-danni, għax qed tgħid li din il-kamra ma kinitx fil-pussess tagħha, iżda kienet fil-pussess esklussiv tas-soċjetà kjamata in kawża Euro Hygene Limited, li magħha kienet daħlet f'*service agreement *għal xogħol ta' tindif, u li kienu l-impjegati tas-soċjetà kjamata in kawża li ħallew il-vit miftuħ. Johann Briffa, il-*Fire and Safety Manager *tas-soċjetà intimata, xehed li din il-kamra "*ingħatat f'idejn l-istess soċjetà Euro Hygene Ltd sabiex tintuża fit-tul tal-kuntratt lil din l-aħħar soċjetà. Aċċess għal din il-kamra kien f'idejn il-*cleaners,* ħadd iktar ma kellu ċwievet ta' din il-kamra ħlief il-*cleaners." (fn. 16 ara x-xhieda ta' Johann Briffa a fol. 124 tal-proċess). Ix-xhud esebixxa wkoll rapport tal-uffiċjali tas-sigurtà on duty Jean Gialanze tas-soċjetà intimata relattiv għall-każ ta' Marzu 2008, minn fejn jirriżulta li minn investigazzjoni kien instab li din il-perkolazzjoni seħħet meta l-cleaners ħallew vit tal-ilma miftuħ f'din il-kamra.*

*Nonostante din ix-xhieda, mis-*service agreement *tal-20 ta' Ġunju, 2007 bejn is-soċjetà intimata u s-soċjetà kjamata in kawża Euro Hygene Limited li ġie eżebit mis-soċjetà intimata, ma jirriżultax li l-pussess materjali ta' xi parti mill-fond tas-soċjetà intimata għadda b'mod esklussiv f'idejn is-soċ jetà kjamata in kawża, kif xehed Johann Briffa.*

*Fir-rapport preliminari tiegħu dwar l-inċident tal-20 ta' Novembru, 2007, is-surveyor Jason Vassallo qal hekk, "*It was advised that when maintenance staff of Bay Street and their CEO went to the utility room, they found that there was water on the floor, although no water was flowing out at the time. It was indicated to us that the cleaners fill their machines from the tap and that this may have been the source of the water. The tap may therefore have been left running overnight. It was noted that during our discussion, the maintenance supervisor Mr Raymond Grech was very guarded in his comments." (*fn. 17 ara fol. 43 tal-proċess). Jason Vassallo imkien ma jsemmi li l-uffiċjal tas-soċjetà intimata kellhom bżonn li impjegati tas-soċjetà kjamata in kawża jiftħulhom din il-kamra. Fil-fatt mir-rapport tiegħu jidher ċar, li l-uffiċjali tas-soċjetà*

*intimata daħlu effettivament fil-kamra in kwistjoni, u anke hu daħal fiha, għax eżebixxa mir-rapport tiegħu r-ritratti li ħa tal-kamra u tal-vit in kwistjoni. (fn. 18 ara fol. 45 tal-proċess)*

*Is-surveyor Jason Vassallo xehed hekk dwar meta aċċeda fuq il-post fuq il-perkolazzjoni tal-ilma tal-2007:* "Jien f'dan l-ewwel aċċess ... ... kont dort il-post flimkien mal-maintenance manager ta' Bay Street, kif ukoll wieħed mid-diretturi ta' Monaco Millions, fil-fatt morna fil-post li jinsab sovrastanti dak okkupat minn Monaco Millions. Parti minnu dan huwa okkupat mill-car park ta' Bay Street, hemm ukoll kamra li tintuża mill-cleaners. F'din il-kamra jinsabu locker kif ukoll apparat li jintuża għall-cleaning. Kien hemm ukoll vit tal-ilma. Meta mort l-ewwel darba rajt li kien hemm evidenza tal-ilma fl-art, f'din il-kamra, meta mort hemmhekk l-ilma kien magħluq u fil-fatt ma kienx jidher li kienu saru xi tiswijiet. Fil-fatt staqsejt lill-*maintenance manager* ta' Bay Street jekk sarux xi tiswijiet u dan qalli le. Jiena kkonkludejt mill-aċċess li għamilt illi l-ilma li minħabba fih saru dawn il-ħsarat li semmejt kien oriġina minn din il-kamra.

Issa niġi għat-tieni inċident ... ... din id-darba tat-2 ta' Mejju, 2008. Dakinhar rajt li ġara prattikament l-istess ħaġa. Din id-darba però meta skoprew bil-fatt kien hemm preżenti wkoll impjegati ta' Monaco Millions. ... ... Fis-sens li dawn l-impjegati raw il-każ iseħħ. Di fatti l-impjegati li tkellimt magħhom ta' Monaco Millions kienu skoprew li l-ilma kien niżel minn din il-kamra. Fil-fatt mill-ewwel kienu tkellmu mac-Chief Executive Office ta' Bay Street, marru fl-istess kamra u mill-informazzjoni li ngħatajt sabu l-ilma nieżel minn din il-kamra, speċifikatament qaluli li kien qed joriġina minn dak il-vit. Dan il-vit kien miftuħ sabiex timtela magna bl-ilma. Jiena meta mort fuq il-post prattikament tista' tgħid li rajt f'dik il-kamra l-istess sitwazzjoni kif kont rajt preċedentement." (*fn. 19 ara fol. 35)*

*Li kieku huwa veru dak li qal ix-xhud Johann Briffa, u ċioe li s-soċjetà kjamata in kawża biss kellha ċ-ċwievet ta' din il-kamra, din il-Qorti ma għandhiex dubju li s-surveyor Jason Vassallo kien isemmi li meta aċċeda fil-kamra kien hemm preżenti impjegati/rappreżentanti tas-soċjetà kjamata in kawża, mhux biss biex tiftħilhom il-kamra, imma wkoll għax kellha interess tissorvelja x'kien għaddej, peress li ħtija għad-dannu kaġunat lis-soċjetà assigurata, kien intefa' fuq l-impjegati tagħha.*

*Inoltre, Jason Vassallo imkien ma jsemmi li xi ħadd mid-diriġenti tas-soċjetà intimata qallu li s-soċjetà intimata ma kellhiex il-pussess tal-kamra. In kontro-eżami huwa xehed hekk:* "Jiena nagħraf l-informazzjoni li l-kamra in kwistjoni hija proprjetà tal-kumpless Bay Street, però tingħata lill-kuntrattur sabiex isir it-tindif. Meta mort fil-kamra ma kien hemm l-ebda impjegat."

*Din il-Qorti hija konvinta moralment li li kieku kien vera li s-soċjetà intimata ma kellhiex pussess tal-kamra, dan kienet tgħidu lis-Surveyor Vassallo mill-ewwel meta ġara l-ewwel inċident, sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbilità fil-konfront tas-soċjetà assigurata. Minflok, hija bdiet tallega dan il-fatt biss lejn tmiem l-istadju tal-provi tagħha f'dawn il-proċeduri. Il-fatt li l-kamra kienet tintuża mis-soċjetà kjamata in kawża, u ġo fiha kienet tħalli affarijiet relatati mat-tindif, ma jfissirx li s-soċjetà intimata ma kellhiex pussess tal-kamra, u setgħet taċċedi fiha x'ħin riedet – kif għamlet meta ġraw l-inċidenti in kwistjoni.*

*Ma jistax jingħad li f'dawn il-proċeduri s-soċjetà kjamata in kawża aċċettat ir-responsabbilità għad-danni subiti mis-soċjetà assigurata stante li baqgħet kontumaċi, u allura, kif diġà ingħad, legalment dan ifisser li qed tikkontesta l-allegazzjonijiet li qed isiru fil-konfront tagħha. Lanqas jirriżulta mill-provi li b'xi mod is-soċjetà kjamata in kawża direttament jew indirettament assumiet tali responsabbilità.*

*Fiż-żmien rilevanti, is-soċjetà kjamata in kawża kienet kuntrattur tas-soċjetà intimata. Anki jekk wieħed kellu jaċċetta għall-grazzja tal-argument biss, li kienu l-impjegati tas-soċjetà kjamata in kawża li ħallew il-vit tal-ilma miftuħ, u konsegwentement ikkaġunaw id-danni, huwa relevanti l-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (fn. 20 per Imħallef Philip Sciberras) fil-kawża* ***Maria Xuereb et vs TBS Ltd*** *deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003, fejn ġie ritenut hekk: "*F'dan jidher li s-soċjetà intimata appellanti hi konxja tal-fatt, ankorke d-dannu ġie kawżat mill-kuntrattur tagħha u l-impjegati ta' dan, illi '*non può un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri". ("***Borg - vs - Falzon***", riportata a* ***Vol. III paġna 16****)."*

*Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma illi s-soċjetà intimata li għandha twieġeb u tirrispondi għad-danni sofferti mill-assigurata tas-soċjetà rikorrenti, salv id-dritt ta' rivalsa li jista' jkun spettanti lilha kontra s-soċjetà kjamata in kawża* si et quatenus, *u konsegwentement it-tielet eċċezzjoni tagħha qed tiġi miċħuda.*

*Id-danni u/jew l-ammont tagħhom sofferti mis-soċjetà assigurata ma ġew bl-ebda mod kontestati mis-soċjetà intimata.*

*<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni – Id-data minn meta l-imgħax hu dovut</u>*

*Ir-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimata hija li s-soċjetà rikorrenti ma tistax titlob l-imgħax mid-data ta' kull pagament li għamlet lis-soċjetà assigurata tagħha, iżda mid-data ta' interpellazzjoni ġudizzjarja għall-ħlas, għax dan huwa dejn ċivili. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din ir-raba' eċċezzjoni hija ġustifikata. Fis-sentenza* ***John Galdes nomine vs Godwin Abela nomine*** *deċiża fit-28 t'April, 2003, il-Qorti tal-Appell (Sede*

*Inferjuri) (fn. 21 per Imħallef Philip Sciberras) irriteniet hekk "*Kif rilevat f'numru ta' deċiżjonijiet 'una volta s-soċjetà intimata kienet qed tikkontesta r-responsabbilità għall-ħlas ta' dan l-ammont, hu ġust li, bl-applikazzjoni tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, l-imgħaxijiet jitħallsu minn dakinhar li l-interpellazzjoni uffiċjali għall-pagament li sar bin-notifika lid-debituri tal-att taċ-ċitazzjoni." ("**Formosa & Camilleri Ltd noe et - vs - Sea Malta Company Limited"**, Appell, 12 ta' Ġunju, 2000)." *Mill-provi akkwiżiti ma jirriżultax li saret interpellazzjoni ġudizzjarja qabel ġew intavolati dawn il-proċeduri. Konsegwentement l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors promutur.*

***Konklużjoni***

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda:*

*1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet ulterjuri tas-soċjetà intimata;*
*2. Tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata;*
*3. Tilqa' r-raba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimata;*
*4. Konsegwentement tilqa' limitatament it-talba rikorrenti, fis-sens li tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited is-somma fl-ammont ta' tliet elef, mija u tletin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€3,330.58), bl-imgħax mid-data tan-notifika lis-soċjetà intimata tar-rikors promotur tal-proċeduri odjerni.*
*5. Tillibera lis-soċjetà kjamata in kawża mit-talbiet rikorrenti, salv kull dritt li jista' jkun spettanti lis-soċjetà intimata kontra s-soċjetà kjamata in kawża si et quatenus.*

*Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-ispejjeż kollha in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mis-soċjetà intimata."*

## <u>L-Appell</u>

12. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha mis-sentenza appellata fl-4 ta' Ġunju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati minnha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetajiet rikorrenti appellati.

13. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bis-sentenza appellata għaliex l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn is-soċjetà Monaco Millions Limited u s-soċjetà appellanta Bay Street Holdings Limited, wara li ddeterminat li din hija kawża dwar *culpa aquiliana.* Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba ġie deċiż dan, is-soċjetajiet appellati kellhom jippruvaw li kienet is-soċjetà appellanta l-ħatja għad-danni sofferti minħabba l-ingress tal-ilma, u dan a tenur tal-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, li jispeċifika li kull persuna twieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tagħha. L-appellanta qalet li mill-provi prodotti għandu jirriżulta li l-ilma fl-istabbiliment ġestit mill-intimata Monaco Millions Limited ipperkola minn ġo kamra sovrastanti, li kienet fil-pussess esklussiv tal-kjamata fil-kawża, wara li l-*cleaners* tal-istess soċjetà ħallew vit tal-ilma miftuħ f'din il-kamra. Is-soċjetà appellanta qalet li ma tistax tifhem għal liema raġuni l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li l-fatti ma ġewx ippruvati għaliex ċerti dettalji ma tniżżlux mis-*surveyor* fir-rapport tiegħu. Is-soċjetà appellanta qalet li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti wasslet għal inġustizzja kbira għaliex dak li ntqal mill-impjegati ta' Bay Street Holdings Limited ma ġie kontradett minn ħadd, lanqas mill-kjamata fil-kawża stess, li ma ressqet l-ebda tweġiba u l-ebda provi sabiex tikkontradixxi dak li qalet is-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta qalet li din hija inġustizzja kbira u grossolana li għandha tiġi rimedjata għaliex ġie ppruvat li l-persuna legali li għandha ħtija *in culpa aquiliana* hija proprju s-soċjetà Euro Hygene Limited.

14. Is-soċjetà appellanta qalet ukoll li s-sentenza ċċitata mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet **Maria Xuereb *vs.* TBS Ltd**, ma tapplikax għall-każ odjern, għaliex hawn si tratta ta' kuntrattur kompletament indipendenti li jipprovdi servizzi ta' tindif

u li sabiex jagħmel dan ix-xogħol għandu ċ-ċwievet u l-pussess esklussiv ta' kamra fejn jinżamm ċertu tagħmir assoċjat ma' dan ix-xogħol, u fejn kien hemm ukoll vit tal-ilma li tħalla miftuħ. Is-soċjetà appellanta staqsiet b'liema raġunament għalhekk ġie deċiż li hija għandha tinżamm responsabbli għad-danni.

**Ir-Risposta tal-Appell**

15. Fir-risposta tagħha, is-soċjetà appellata qalet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Qalet li s-soċjetà appellanta mhijiex tikkontesta l-fatt li xi ħaddiema tal-kuntrattur kienu ħallew il-vit miftuħ, bir-riżultat li ipperkola l-ilma fil-fond okkupat mill-assigurata tagħha. Qalet li għalhekk l-appellanta qiegħda teskludi li dan seħħ minħabba *casus.* Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk irid jiġi deċiż jekk is-soċjetà appellanta għandhiex tinżamm responsabbli għan-negliġenza tal-impjegati tal-kuntrattur. Qalet li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju li fejn si tratta ta' perkolazzjoni ta' ilma minn fond sovrastanti għal fond sottostanti, is-sentenzi tagħna konsistentement jgħidu li s-sid tal-fond ta' fuq huwa responsabbli, b'mod awtomatiku, għall-ħsara li tiġri fil-proprjetà tas-sid ta' taħt. Qalet li s-soċjetà appellanta qiegħda tissottometti li, ladarba hija ma kellhiex il-pussess tal-kamra in kwistjoni, għandu jsegwi li hija mhijiex responsabbli għal dak li seħħ. Is-soċjetà appellata qalet li s-soċjetà appellanta imkien ma allegat, u mill-provi ma jirriżultax li l-pussess tal-kamra kien esklussivament għand is-soċjetà kjamata fil-kawża. Għalhekk m'hemmx dubju li l-kjamata fil-kawża kienet qiegħda tagħmel użu minn din il-kamra għall-bżonnijiet tagħha, iżda minn imkien ma jirriżulta li hija kellha l-użu esklussiv ta'

din il-kamra. Is-soċjetà appellata qalet li ma rriżultax li din il-kamra kienet imsakkra b'tali mod li ħadd ma seta' jidħol fiha, u meta s-*surveyor* tagħha mar u ddiskuta l-akkadut ma' rappreżentant tas-soċjetà appellanta, dan seta' jiftaħ il-bieb tal-kamra mingħajr il-ħtieġa li jissejħu impjegati tal-kjamata fil-kawża biex jagħmlu dan. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk kellha raġun l-Ewwel Qorti tgħid li hija kienet moralment konvinta illi li kieku s-soċjetà appellanta ma kellhiex pussess tal-kamra, is-*surveyor* Vassallo dan kien jgħidu wara li seħħ l-ewwel inċident. Is-soċjetà appellata qalet li r-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa san, partikolarment meta wieħed jikkonsidra li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li l-appellanta ma indenjatx ruħha tipproduċi imqar impjegat wieħed tal-kjamata fil-kawża in sostenn ta' dak allegat minnha.

16. Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tal-4 t'Awwissu, 2021, wara li ġie ddikjarat illi ma setgħetx issir in-notifika tas-soċjetà kjamata fil-kawża għaliex din ġiet *struck off* mir-Reġistru tal-Kumpanniji fis-7 ta' Lulju, 2020, u għalhekk ma setgħetx tintalab id-deserzjoni minħabba nuqqas ta' notifika li kienet impossibbli li ssir, caħdet it-talba sabiex l-appell jiġi dikjarat deżert, ordnat li l-appell għandu jkompli jinstema' fil-konfront tas-soċjetà appellata.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, li qegħda ssostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li hija għandha tinżamm responsabbli għall-akkadut. Fis-sentenza appellata is-

soċjetà appellanta inżammet responsabbli għall-perkolazzjoni tal-ilma li kien hemm fil-fond okkupat mis-soċjetà assigurata mas-soċjetà appellata, li kkawża dannu fl-istess fond.

*L-aggravju tas-soċjetà appellanta:* *[Ir-relazzjoni ġuridika bejn l-assigurata tas-soċjetà appellata u s-soċjetà appellanta]*

18. Is-soċjetà appellanta ssostni li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta addebitat lilha ħtija fis-sens ta' *culpa aquiliana* għad-danni sofferti mill-assigurata tas-soċjetà appellata, minħabba l-ingress tal-ilma li kien hemm fil-fond kopert bil-polza tal-assigurazzjoni mas-soċjetà appellata. Is-soċjetà appellanta tgħid li hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-assigurata tas-soċjetà appellata, kif ukoll li s-soċjetà appellata ma ġabet l-ebda prova li s-soċjetà appellanta b'xi mod għandha ġgorr ħtija għad-danni sofferti mill-assigurata tagħha. F'dan is-sens is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għall-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili u għad-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna dwar il-kunċett tal-*culpa aquiliana.*

19. Il-Qorti ser tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju sollevat mis-soċjetà appellanta, billi tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Biagio Muscat *vs.* Anthony Falzon et**[1]:

[1] 12.05.2003.

*"Hi norma kostitwenti l-punt kardinali tar-responsabbilità extra-kontrattwali jew akwiljana, kif inhu dan il-każ, illi "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara illi tiġri bi ħtija tiegħu" (art. 1031 tal-Kap. 16). Norma din li tenunċja l-prinċipju in virtù ta' liema l-leżjoni tad-dritt tobbliga lill-awtur tal-istess leżjoni għar-riżarċiment tal-konsegwenzi partrimonjali subiti mit-terzi.*

*Hu kompitu tal-Qorti li mill-indaġini u eżami tal-provi akkwiżiti tindividwalizza din ir-responsabbilità. Responsabbilità li kapaċi tiġi determinata jew minn komportament kolpuż jew minn dawk il-kriterji l-oħra li jridu jiġu meqjusa għall-iskop li wieħed jasal biex jakkolla l-inċidenza ekonomika tal-fatt dannuż.*

*Il-Kodiċi tagħna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreċiża li "jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (art. 1032 (1) tal-Kodiċi Ċivili). Dan raġonevolment ifisser illi wieħed jeħtieġ jikkollega l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta' diliġenza mar-rekwiżit tal-prevedibbilità tal-event dannuż. "Prevedibbilità din li trid tkun ta' probabbilitajiet raġonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili." (Kollez.* ***Vol. XLVIII p. I p. 258****)."*

20. F'din is-sentenza, il-Qorti għamlet riferiment ukoll għal sentenza oħra mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Annunziato D'Amato et *vs.* Joseph Camilleri et**[2] fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"... il-kolpa, fil-każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta' dak il-fatt, meta seta' jipprevedi dak l-effett. ... ... Meta l-att li kkaġuna d-danni kien jikkonsisti fil-maneġġ ta' ħaġa perikoluża, ir-responsabbilità ta' min jagħmel dak l-att hija assoluta. ... ... Mhiex difiża tajba kontra din ir-responsabbilità l-allegazzjoni illi min għamel l-att li ġieb id-danni kien ilu li għamlu żmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li għalhekk min għamel dak l-att ma setax jissupponi, li fil-każ partikolari kien ser jinqala' dak li nqala'."*

[2] 03.03.1958, Vol. XLII p.I p.74.

21. Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Debono nomine *vs.* Filomena armla ta' Joseph Spiteri et**[3], il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabbilità ċivili hi ravviżata fl-imġiba imputabbli għal dolo jew kulpa. Il-liġi ċivili tagħna ma tiddefinixxix il-kolpa ċivili fl-għemil iżda tagħmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta' prudenza, nuqqas ta' diliġenza u nuqqas ta' ħsieb tal-bonus paterfamilias [artikolu 1032(1), Kodiċi Ċivili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus għan-nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti statwit fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali;*
>
> *Jidhru, imbagħad, skont id-duttrina legali illi jeżistu kriterji oħra li jagħmlu riferiment għall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti tal-illeċitu, huma rikonoxxuti u aċċettati wkoll aspetti ta' responsabbilità speċjali in rigward għall-evitabbilità tal-ħsara. Jingħad a propositu fid-deċiżjoni fl-ismijiet **"Annunziato D'Amato et vs Joseph Camilleri et"**, Appell Ċivili, 3 ta' Marzu, 1958 illi "meta l-att li kkaġuna d-danni kien jikkonsisti fil-maneġġ ta' ħaġa perikoluża, ir-responsabbilità ta' min għamel dak l-att hija assoluta; u min irid jeħles mir-responsabbilità hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-vis major".*

22. Mill-provi jirriżulta li f'dan il-każ il-perkolazzjoni tal-ilma seħħet minn kamra allokata lill-*cleaners* tal-kuntrattur li kellu *service agreement* mas-soċjetà appellanta, sabiex il-ħaddiema tiegħu jipprestaw servizzi ta' tindif fil-kumpless tas-soċjetà appellanta. Jirriżulta li kienu l-ħaddiema tal-kuntrattur li ħallew vit bl-ilma nieżel għal ħin twil, bir-riżultat li l-ilma pperkola mill-*car park* tal-kumpless għall-fond li kienet tuża l-assigurata tas-soċjetà appellata fl-istess kumpless, u kkaġuna ħsara. Din il-Qorti ma tara l-ebda ness ta' kawżalità bejn l-event dannuż u l-fatt li s-soċjetà appellanta inzertat hija s-sid tal-kumpless li jospita l-fond assigurat mas-soċjetà appellata, ladarba ġie stabbilit li l-ħsara

[3] 3.10.2003.

kienet ikkawżata minn ħaddiema tal-kjamata fil-kawża. L-inċident li wassal għal dawn il-proċeduri kien ikkawżat unikament minn impjegati tal-kjamata fil-kawża, u fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-att illeċitu ma jistax u ma għandux jiġi attribwit lis-soċjetà appellanta, li mill-provi jirriżulta li ma kellha l-ebda kontroll jew responsabbilità għall-imġiba tal-ħaddiema tal-kuntrattur. Il-fatt waħdu li l-proprjetà tas-soċjetà appellanta hija sovrapposta l-fond fejn seħħet il-ħsara, fil-fehma ta' din il-Qorti ma kellux iwassal lill-Ewwel Qorti għall-konklużjoni awtomatika li s-soċjetà appellanta għandha ġġorr ħtija għall-akkadut, għaliex ma ġie ppruvat l-ebda ness kawżali bejn l-akkadut u l-imġiba tas-soċjetà appellanta. Mhux ġust lanqas li jintqal li ma nġabet l-ebda prova li l-kjamata fil-kawża kellha użu esklussiv tal-kamra fejn tħalla l-vit tal-ilma miftuħ. Hawn il-Qorti tfakkar li *"id-dover li jieħu ħsieb li ma jiġrix id-dannu hu ta' min ikun ser jagħmel l-att li imbagħad iġib id-dannu".*[4] F'dan il-każ tirriżulta ampjament ir-responsabbilità tal-kjamata fil-kawża mill-mod kif din ma jirriżulta li ħadet l-ebda prekawzjoni sabiex tipprevjeni li jseħħ it-tieni inċident, wara l-ewwel darba li tħalla l-vit miftuħ u kienet ikkawżata ħsara lill-assigurata tas-soċjetà appellata. Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti sejra tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti stante li fil-fehma tagħha ma ġiex stabbilit in-ness kawżali meħtieġ sabiex jista' jintqal li l-ħsara ġrat bi ħtija tas-soċjetà appellanta.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell tas-soċjetà appellanta, tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-15 ta' Mejju, 2019 fl-**

[4] Vol. XLII P.I p. 74.

**ismijiet premessi, u qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet magħmula mis-soċjetà appellanta fir-risposta tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti u ta' dan l-appell, huma a karigu tas-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**